MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 372/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**
**Glenn-Paul Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fil-31 ta' Ottubru 1999 u matul l-aħħar sena qabel dina d-data:-

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir- Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-

droga w ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-Raba' w s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar- Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal- artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 8(a), 22(1)(a)22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal seba' xhur prigunerija w ghal hlas ta' multa ta' €500, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €100 fix-xahar, bl-ewwel

pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti €54.75 (LM23.50) fi zmien xahar. Ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni (b) u tat-tielet (c) imputazzjonijiet, thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel (a) imputazzjoni w minnha tilliberah skond il-Ligi, w konsegwentement taghti sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju, thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li s-sejbien ta' htija tieghu hija wahda *unsafe and unsatisfactory*. Li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jistrieh fuq ix-xiehda ta' Aaron Privitera li ma jaghtix affidabilita' w ma hux attendibbli. L-Ewwel Qorti skartat mhux biss il-versjoni tal-appellant izda kkostitwiet il-bazi ghas-sejbien ta' htija tieghu fuq konsiderazzjonijiet li ma jippuntawx lejn direzzjoni wahda. Bil-versjoni tal-appellant u mill-provi maghmula mix-xhieda imressqa minnu, l-appellant ixaqqaq sal-grad tal-probabbli, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li huwa kien jipprokura d-droga eroina lil Aaron Privitera. Ghalhekk ma ghandux jistab hati tal-akkuza ta' traffikar ta' eroina. 2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm fatturi li jimmilitaw ghall-temperament fil-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009, li bih il-Prosekuzzjoni, bla pregudizzju, qablet li f' dan il-kaz hu applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tal-appellant;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-htija tal-ewwel imputazzjoni ta' traffkar tad-droga eroina. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia*” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; “**ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; “**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx, fuq il-provi li tressqu, tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellant kien hati tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar t' eroina.

Ikkonsidrat;

Illi l-abbli difensur jargumenta li x-xhud tal-Prosekuzzjoni Aaron Privitera mhux attendibbli ghax xehed li l-appellant ma jafx x' jismu, ma jafx jekk kienx icempillu, ma jafx l-istatus tieghu w jekk kienx jidhol u johrog fid-dar tal-appellant u li qieghed ma wahda li lanqas jaf fejn tahdem, pero' qal li jaf il-car li jsuq u jaf il-laqam tal-appellant Dan mhux bizzejjed. Ma kien hemm ebda xhieda li jikkoroborawh lil Privitera w kien hemm divergenzi bejn l-ewwel u t-tieni depozizzjoni ta' dan ix-xhud.

Illi, invece l-Prosekuzzjoni tissottometti li Aaron Privitera kien konsistenti mill-bidu sal-ahhar u ta dettalji dwar l-appellant li gew korroborati. Ghalhekk dax-xhud kien veritjier.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita' li ghandha tinghata lix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni Privitera li hu kategoriku li kien xtara d-droga eroina minnghand l-appellant fil-periodu imsemmi fic-citazzjoni. Issa, skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali f' kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-artikolu 637 umbaghad jiddisponi li f' kwistjonijiet li jolqtu il-kredibilita' ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta w karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa, jew hix konsistenti w ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, jekk dik ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie umbaghad ritenut li mhux kull konflitt fil-provi jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f' hix ser jemmnu w ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-artikolu 637 appena imsemmija. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn.)

Inoltre, skond l-artikolu 30 tal-ligi specjali li tirregola l-materja ta' traffikar tad-droga eroina (Kap. 101), meta persuna tkun xtrat jew xorta ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li

minnghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medcina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b' cirkostanzi ohra.

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza motivata taghha spjegat fid-dettall ghala kienet qed temmen lix-xhud Privitera w tiskarta c-cahda tal-appellant, kif skarsament korroborata mix-xhieda in difesa. Qalet li sabet lil dan ix-xhud konsistenti mill-bidu sat-tmiem fid-dettalji li ta biex seta' jigi identifikat l-appellant, tant li uhud minnhom sahansitra gew konfermati mill-appellant innifsu. Kienu jaqblu l-karozzi li ssemmew minn Privitera ma dawk imsemmija mill-appellant fl-istqarrija tieghu. (ara a fol. 22, 31 u 33) Iddeskriva t-tarag minn barra tal-blokk flats fejn jghix l-appellant li kkonfermawh xhieda ohra bhal Marixxall Stivala li jghix fl-istess blokk. Iddeskriva dettalji ohra dwar l-indirizz tal-akkuzat apparti li gharfu fl-awla waqt il-kawza bla ebda ezitazzjoni.

Din il-Qorti zzid ma dan li, ghalkemm ix-xhud ma kienx jaf kunjom l-appellant ( u dan hu koncepibbli billi l-appellant igib *"a double barreled surname*" ), kien jaf ismu u anki il-laqam tieghu "Il-macowc". Ghalhekk lanqas hu preciz id-difensur tal-appellant meta fit-trattazzjoni qal li Privitera ma kienx jaf x' jismu l-appellant. X' jismu kien jaf, kunjomu ma kienx jaf . Lanqas ma hu preciz dwar li ma kienx jaf x' kienet taghmel it-tfajla li kellu ghax ftit linji aktar 'l isfel fil-kontroezami tieghu spjega li din kienet taghmel xi xoghol ta' barra w ta dettalji tieghu.

Inoltre ma nghatat assolutament ebda spjegazzjoni plawsibbli w verosimili ghala "*of all people"* Privitera kellu jindika lill-appellant bhala l-persuna li kienet tfornieh bid-droga eroina. Ma kien hemm ebda glieda jew incidenti precedenti bejnithom. L-unika haga li seta' jghid l-appellant kien li Privitera seta' forsi haseb li hu kien qal lill-genituri tat-tfajla tieghu li Privitera kien jiehu d-drogi u li ghalhekk dawn setghu hassrulha milli tkompli mieghu. Imma din hi semplicemement kongettura tal-appellant priva minn kull prova w biss xi hsieb li ghaddhielu. Ghalhekk wiehed jistaqsi: x' interess kellu Privitera li

jipponta subghajh lejn l-appellant bhala l-fornitur tad-droga?

Invece l-interess tal-appellant li jichad hu ovvju. Terga' w tghid il-prova negattiva li saret mill-genituri tal-appellant, il-gar tieghu il-Marixxall Stivala w l-impjegata ta' missier l-appellant, li meta kienu jkunu mal-appellant qatt ma raw zaghzagh jigu jfittxuh jew jistennewh id-dar jew waqt ix-xoghol, hija wahda inkonkluziva ghax, kif irriteniet l-Ewwel Qorti: "*kif jista' jkun ippruvat in negattiv ghall-erbgha w ghoxrin siegha kulljum?"* u ghax *"kif jista' xi hadd izomm sorveljanza fuq guvni ta' 19 il-sena ..erbgha w ghoxrin siegha kull jum?"*

Ikkonsidrat;

Illi meta din il-Qorti fliet il-provi kollha rat li ma hemmx raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti ghax dan l-apprezzament setgha jsir b' mod legali w ragjonevoli minnha w ma jistax jitqies bhala wiehed *"unsafe and unsatisfactory"* fic-cirkostanzi.

Konsegwentement l-aggravji dwar il-mertu qed jigu respinti bhala infondati.

Ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu dejjem li din il-Qorti ma tiddistrubax id-diskrezzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament wahda eccessiva.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-*

*piena, S' intendi, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma iehor, jew ta' piena erogata f' kaz ma dik erogata f' kaz iehor."* (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi l-piena ghar-reat ta' traffikar ta' eroina, meta l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, hija wahda mandatorja ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn Ewro 465.87c izda mhux izjed minn Ewro 11,646.87c. Inoltre jekk jittiehed terz tal-piena ghar-reat taht it-tielet imputazzjoni w cioe' minimum ta' tlitt xhur (terz jigi xahar) skond l-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, jigi li l-piena erogata zgur li ma tohrogx mill-parametri tal-ligi anzi nghatat fil-minimu taghha.

Illi meta erogat din il-piena l-Ewwel Qorti qieset espressament il-fedina penali li kienet nadifa fil-bidu tal-process, li l-biegh sar aktar minn darba w li l-appellant ghandu jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa pero', fil-kors tat-trattazzjoni orali - ghax fir-rikors ma tissemmiex raguni espressa jew specifika - l-appellant issottometta li hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena minnhabba li hu ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap.101 u ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (Illum Prim' Imhallef) V. De Gaetano fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Jason Dimech"** [11.7.1997], fejn gie deciz li l-minimu applikabbli f' dik il-kawza ta' seba  xhur prigunerija, seta, bl-applikazzjoni tal-artikolu 29, addirittura jinzel ghall-minimu ta' xaharejn.

Issa f' dan il-kaz, trattandosi ta' minimu ta' sitt xhur ghall-ewwel imputazzjoni, bi tnaqqis ta' zewg gradi, l-minimu tal-piena ghal dar-reat seta' addirittura jinzel sa xahar prigunerija. (art. 31 (1) (b) (xii) u (xiv) li maghdud mal-piena ghat-tielet imputazzjoni  (u cioe'1/3 ta' tlitt xhur

skond l-art. 17 (b) tal-Kodici Kriminali) kien jigi b' kollox xaharejn prigunerija.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din is-sottomissjoni w meta qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tara li bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 - li l-prosekuzzjoni regghet qablet li hu applikabbli anki f' dan l-istadju tal-appell - hemm lok ghal riduzzjoni bi grad wiehed fuq il-minimu ghal xaharejn prigunerija ghall-ewwel imputazzjoni piu' xahar prigunerija ghat-tielet imputazzjoni, oltre l-multa erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lil-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' hames mitt Ewro (€500), liema multa tista' tithallas b' rati ta' Ewro 100 fix-xahar u jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f' daqqa w, jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din timbidel f' jum prigunerija ghal kull Ewro 11.65 li ma jithallsux, kif ukoll fejn ikkunndannat lill-appelant ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti w cioe' Ewro 54.75 (LM23.50c) fi zmien xahar mil-lum u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall seba' xhur prigunerija w, minnflok, bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101, tikkundannah ghall-piena ta' tlitt (3) xhur prigunerija. Inoltre t-terminu ghall-hlas tal-multa erogata qed jigi varjat b' dan li l-ewwel pagament ta' mitt Ewro (€100) ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza erogata u, ghall-dan il-fini, r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------